**16 ta' Mejju, 1996**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius, B.A., LL.D.**

Josephine Darmanin

*versus*

George Casha

**Kompetenza - Subizzjoni - Sentenza - Nullita` ta'**

*Il-Qorti ta' l-Appell annulat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fuq diversi bażijiet, fosthom illi ġiet deċiża fuq bażi ta' kapitolu ta' subizzjoni meta kien hemm eċċezzjoni ta' inkompetenza li riedet tiġi deċiża qabel sentenza fuq il-meritu.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-maġistrati (Malta) ta' l-14 ta' Diċembru, 1995, li minnha sar l-appell preżenti u li taqra hekk:

"Wara li rat it-talba ta' l-attriċi għall-kundanna tal-konvenut biex fi żmien qasir u perentorju tirrilaxxja l-avvjament tal-fond 252, Main Street, Ħal Qormi u konsegwentement jikkonsenja ċ-ċwievet u jiżgombra mill-istess fond li qed jokkupa bla titolu, stante li ngħata lill-konvenut il-konġedo bl-ittra uffiċjali tas-6 ta' Jannar, 1995. Bl-ispejjeż. Il-konvenut ġie nġunt għas-subizzjoni. Valur lokatizzju ma jaqbiżx Lm150;

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-attriċi sabiex il-konvenut iwieġeb għalihom bil-ġurament, u b'hekk il-kreditu jiġi ppruvat (artikolu 698 u 702 (4) (b) Proċ. Ċivili);

Billi għalkemm regolarment notifikat, il-konvenut naqas u ma deherx la fil-5 ta' Diċembru, 1995 mta ġew ippreżentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tistħoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra;

Tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi bl-ispejjeż kontra l-konvenut";

Minn din is-sentenza appella l-konvenut li talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi;

L-appellata ppreżentat risposta għall-appell li din il-Qorti eżaminat;

L-aggravji ta' l-appell huma dawn:

Bis-sentenza appellata ġie vvjolat il-prinċipju tad-dritt naturali *audi alteram partem* u għalhekk hija nulla;

Is-sentenza appellata hija nulla ukoll peress li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel referenza għall-eċċezzjonijiet talkonvenut u dan bi ksur ta' l-artikolu 218 tal-Kap. 12;

Bla preġudizzju, is-sentenza hija nulla peress li naqset milli tiffissa terminu u dan kontra l-artikolu 222 tal-Kap. 12;

Is-sentenza appellata hija nulla peress li filwaqt li fl-ewwel appuntament l-Ewwel Qorti ordnat li l-provi jiġu limitati għalleċċezzjoni ulterjuri dwar l-inkompetenza *rationae materie ai termini* ta' l-artikolu 47 (3) tal-Kap. 12, l-Ewwel Qorti, mingħajr ma bidlet l-ordni tagħha preċedenti msemmija tat sentenza fil-meritu mingħajr ma ddeċidiet din l-eċezzjoni ulterjuri;

Is-sentenza appellata hija nulla peress li una volta huwa ressaq diversi eċċezzjonijiet ta' inkompetenza dawn kellhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom qabel is-sentenza fuq il-meritu u dan *ai termini* ta' l-artikolu 730 tal-Kap. 12;

Is-sentenza appellata hija nulla peress li l-Ewwel Qorti naqset milli tiddekreta r-rikors ta' l-1 ta' Diċembru, 1995;

Ikkunsidrat:

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta dan li ġej:

B'nota ta' l-eċċezzjonijiet il-konvenut eċċepixxa l-inkompetenza *rationae materiae* almenu fuq żewġ bażijiet differenti;

B'nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri huwa ssottometta eċċezzjoni oħra ta' *inkompetenza rationae materie fuq bażi* addizzjonali;

Fis-seduta tal-15 ta' Ġunju, 1994 l-Ewwel Qorti "minħabba n-natura ta' l-eċċezzjoni ulterjuri "ordnat" li għal dan l-istadju l-provi jiġu limitati għal din l-eċċezzjoni" u ħalliet il-kawża għal data oħra "għall-provi tal-partijiet dwar l-eċċezzjonijiet dwar l-inkompetenza";

Fis-17 ta' Ottubru inġabu xi provi in konformita` mal-verbal preċedenti u billi l-kovenut kien baqagħlu xi provi fir-rigward, il-kawża tħalliet għall-5 ta' Diċembru, 1995, għal dan l-iskop;

Fl-1 ta' Diċembru, 1995, l-avukat tal-konvenut, Dr. Mangion, ippreżenta rikors għal differiment peress li fil-ġurnata ta' l-appuntament kien ser ikun l-isptar biex jiġi operat;

Fil-5 ta' Diċembru, 1995, ġara dan li ġej:

L-Ewwel Qorti b'referenza għar-rikors ta' Dr. Mangion, appena msemmi, iddekretat li "peress li wasal quddiemha fis-seduta stante, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu";

Meta ssejħet il-kawża, l-ewwel ma deher ħadd u meta reġgħet issejjħet dehret l-attriċi u l-konvenut baqa' ma deherx.

Wara deher ukoll l-avukat ta' l-attriċi u ġie ppreżentat kapitolu mill-attriċi għas-subizzjoni tal-konvenut. L-Ewwel Qorti ddiferiet għall-14 ta' Diċembru, 1995, għas-subizzjoni tal-konvenut;

Fl-14 ta' Diċembru, 1995, meta ssejħet il-kawża, il-konvenut ma deherx u ingħatat is-sentenza appellata;

Issa in bażi tal-premess ċertament mhix suffragata s-sottomissjoni ta' l-appellanti li l-Ewwel Qorti vvjolatlu d-dritt tiegħu li jiġi mismugħ - *audi alteram partem*. Jekk iċ-ċirkostanzi riferibbli għas-seduta tal-5 ta' Diċembru, 1995 kienu komprensibbli m'hemmx raġuni għala fis-seduta ta' l-14 ta' Diċembru, 1995, huwa baqa' ma deherx;

Barra minn dan, pero`, ftit hemm iżjed x'jingħad favur il-legalita` tas-sentenza appellata;

Fl-ewwel lok jiġi osservat li l-konvenut jew l-avukat tiegħu ma kellhomx jiġu żvantaġġati għax ir-rikors ta' Dr. Mangion ġie quddiem l-Ewwel Qorti fil-5 ta' Diċembru, 1995 (seduta *stante*), una volta kien ilu ppreżentat erbat ijiem!

Fit-tieni lok anke jekk l-Ewwel Qorti ma kinitx propensa li takkorda t-talba ta' Dr. Mangion għal differiment, allavolja l-istess Dr. Mangion kien qed jiġi operat, kien ċertament mhux rakkomandabbli li d-differiment għas-subizzjoni jsir ukoll għal ġurnata li fiha l-Qorti kienet diġa` nformata li Dr. Mangion kien ser ikun għadu rikoverat. Pero` hekk sar, u ma jistax jiġi njorat li fl-intervall, il-kwalita` ta' kuntatt li seta' jkun hemm bejn Dr. Mangion u l-klijent tiegħu, kien inadegwat għal kollox biex ikun jista' l-ewwel ikun jaf x'inhu jiġri u mbagħad biex jiddefendi ruħu;

Fit-tielet lok hemm il-punt kruċjali u ċjoe` jekk l-Ewwel Qorti una volta kellha quddiemha l-kwistjoni ta' l-allegata inkompetenza *rationae materie* setgħetx taqbad u tiddeċidi l-kawża fuq il-kapitolu ta' l-attur mingħajr ma tiddeċidi qabel jekk kinitx kompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża. Biex tiġi sormontata din il-problema wieħed irid qabel xejn jaċċetta li l-kwistjoni tal-kompetenza setgħet tiġi determinata *ad hoc* bis-sempliċi subizzjoni tal-konvenut. Din il-Qorti, pero` dan mhix pronta tagħmlu, għaliex il-kapitolu jirreferi għall-meritu tat-talba u t-talba stess u għal xejn iżjed u jekk *il-Qorti hija* inkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-meritu/talba, hija ugwalment inkompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kapitolu/subizzjoni;

Fir-raba' lok, ċertament, il-fatt tas-subizzjoni ma kienx jeżonera lill-Ewwel Qorti milli, kif timponi l-liġi, *tiddeċidi l-eċċezzjoni* ta' l-inkompetenza b'kap separat - ħaġa li ċertament m'għamlitx;

F'dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk, hemm biżżejjed biex l-appell jiġi akkolt u llum il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn tidħol fl-aggravji l-oħra peress li dan ikun superfluwu;

Għal dawn il-motivi, tilqa' l-appell, tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi. Spejjeż ta' din l-istanza jiġu sopportati bin-nofs bejn il-partijiet.